**Skema ta' Xandiriet għall-Elezzjoni Ġenerali 2017**

**<u>Elezzjoni Ġenerali</u>**

Skont Artiklu 13(4) tal-Att Dwar ix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir għandha d-dmir li torganizza skema ta' xandiriet politiċi. B'rabta mal-Elezzjoni Ġenerali msejħa għal nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju 2017, l-Awtorità ħejjiet din l-iskema ta' xandiriet politiċi.

L-iskema tikkonsisti f'dawn il-programmi:

(a) Dibattiti Politiċi
(b) Konferenzi tal-Aħbarijiet
(c) Spots u Produzzjonijiet tal-Partiti.

L-iskema se tkun qed tkopri dawn il-programmi:

(i) total ta' 2 konferenzi tal-aħbarijiet b'tul ta' 60 minuta l-waħda bil-parteċipazzjoni ta' ħames ġurnalisti f'kull programm. Il-partit irid jinnomina rappreżentant li jwieġeb il-mistoqsijiet tal-ġurnalisti mistiedna fl-istudio;

(ii) total ta' 4 dibattiti politiċi, b'żewġ dibattiti politiċi li se jkollhom żewġ rappreżentanti kull wieħed mill-Partit Laburista u mill-Partit Nazzjonalista; dibattitu politiku ieħor bejn ir-rappreżentanti tal-partiti l-oħra li se jkunu qed jikkontestaw direttament f'isem il-partit u dibattitu ieħor bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni

(iii) total ta' 120 minuta bħala produzzjonijiet/spots politiċi kull wieħed għal PL u PN u 20 minuta għal kull partit li se jikkontesta din l-elezzjoni f'ismu.

(iv) ħames minuti kull wieħed bħala intervista għall-kandidati indipendenti.

**Konferenzi tal-Aħbarijiet:**

Total ta' 2 konferenzi tal-aħbarijiet b'tul ta' 60 minuta l-waħda, waħda indirizzata mill-PL, u waħda mill-PN.



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

**Konferenza: Għażla tas-suġġett – Partit Laburista**

*Ġurnalisti preżenti*:

TVM, NET, The Malta Independent, il-Mument, RTK

**Konferenza: Għażla tas-suġġett – Partit Nazzjonalista**

*Ġurnalisti preżenti:*

TVM, ONE, The Times, Malta today, Union Print (il-Union Print tista' tagħżel il-ġurnal)

Fil-każ ta' konferenza tal-aħbarijiet, il-format ikun hekk:

Sigla u introduzzjoni miċ-Chairperson – 1 minuta
Introduzzjoni mill-Kelliemi/Uffiċjal tal-Partit – 3 minuti
Mistoqsijiet u tweġibiet – 50 minuta
Għeluq mill-Kelliemi – 3 minuti
Konklużjoni miċ-Chairperson u sigla tal-għeluq – 3 minuti

Kull partit li jkun qed jindirizza l-konferenza tal-aħbarijiet għandu jagħżel is-suġġett, u l-ġurnalisti preżenti jkollhom id-dritt isaqsu liema mistoqsijiet iridu. Massimu ta' 5 ġurnalisti jiġu mistiedna għal kull konferenza tal-aħbarijiet. L-esperjenza turi li f'xandira ta' din ix-xorta, kull ġurnalist isaqsi ta' l-anqas żewġ mistoqsijiet. Jista' jkun il-każ li jkun hemm ġurnalisti li jibdew isaqsu t-tielet *round* ta' mistoqsijiet. L-ordni ta' kif se jistaqsu l-mistoqsijiet tiġi determinata bix-xorti qabel ma jibda l-programm.

**Dibattiti:**

Total ta' 4 dibattiti mqassma kif ġej:

Żewġ dibattiti ta' 60 minuta l-wieħed li fih jieħdu sehem 2 rappreżentanti tal-PL u 2 rappreżentanti tal-PN. Is-suġġett huwa magħżul mill-Awtorità tax-Xandir u jkollu tema ġenerali marbuta mal-manifest elettorali taż-żewġ partiti. Il-partiti jistgħu jagħżlu li jbiddlu l-ordni tal-kelliema fis-sens li fl-aħħar interventi jibda l-Kelliem numru 2 u jagħlaq il-Kelliem numru 1. Jekk ikun se jsir dan, l-Awtorità trid tiġi infurmata bil-miktub qabel ma jibda d-dibattitu ħalli l-parti l-oħra tkun infurmata b'dan it-tibdil. Peress li f'dawn iż-żewġ dibattiti s-suġġett se jkun magħżul mill-Awtorità tax-Xandir, l-ordni ta' min se jkollu l-ewwel dibattitu tintgħażel bil-polza minn


7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

qabel.

It-tielet dibattitu ta’ 60 minuta jieħdu sehem fih il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.

Ir-raba’ dibattitu ta’ 60 minuta li se jieħdu sehem fih ir-rappreżentanti tal-partiti l-oħra li se jikkontesta l-elezzjoni f’ismu.

***Dibattitu – Suġġett Magħżul mill-Awtorità tax-Xandir***

(Parteċipazzjoni ta’ 4 kelliema, 2 għall-PL u 2 għall-PN)

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 2 minuti |
| | |
| **PL Kelliemi 1** | **5 minuti** |
| PN Kelliemi 1 | 5 minuti |
| **PL kelliemi 2** | **5 minuti** |
| PN Kelliemi 2 | 5 minuti |
| | |
| **PL Kelliemi 1** | **5 minuti** |
| PN Kelliemi 1 | 5 minuti |
| **PL Kelliemi 2** | **5 minuti** |
| PN Kelliemi 2 | 5 minuti |
| | |
| PN Kelliemi 1 | 4 minuti |
| **PL Kelliemi 1** | **4 minuti** |
| PN Kelliemi 2 | 4 minuti |
| **PL Kelliemi 2** | **4 minuti** |
| Konklużjoni mic-Chairperson u sigla tal-għeluq | 2 minuta |



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

***Dibattitu – Suġġett Magħżul mill-Awtorità tax-Xandir***

(Parteċipazzjoni ta' 4 kelliema, 2 għall-PL u 2 għall-PN)

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 2 minuti |
| | |
| **PN Kelliemi 1** | **5 minuti** |
| PL Kelliemi 1 | 5 minuti |
| **PN kelliemi 2** | **5 minuti** |
| PL Kelliemi 2 | 5 minuti |
| | |
| **PN Kelliemi 1** | **5 minuti** |
| PL Kelliemi 1 | 5 minuti |
| **PN Kelliemi 2** | **5 minuti** |
| PL Kelliemi 2 | 5 minuti |
| | |
| PL Kelliemi 1 | 4 minuti |
| **PN Kelliemi 1** | **4 minuti** |
| PL Kelliemi 2 | 4 minuti |
| **PN Kelliemi 2** | **4 minuti** |
| Konklużjoni mic-Chairperson u sigla tal-għeluq | 2 minuta |

**Dibattitu Finali bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni**

Fid-dibattitu finali li jixxandar l-Erbgħa ta' qabel Jum il-votazzjoni u li jkun bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni t-tqassim tal-ħin ikun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 2 min |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 5 min |
| Prim Ministru | 5 min |
| | |
| Intervent mic-Chairperson | 1 min |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 8 min |
| Prim Ministru | 8 min |



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

| | |
|---|---|
| Intervent mic-Chairperson | 1 min |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 8 min |
| Prim Ministru | 8 min |
| Intervent mic-Chairperson | 1 min |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 5 min |
| Prim Ministru | 5 min |
| Konklużjoni u<br>Għeluq u sigla | 3 min |

Id-dibattiti kollha jkunu rrekordjati dakinhar stess li jkunu se jixxandru.



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

**Produzzjonijiet u Spots Politiċi:**

Total ta' 120 minuti l-wieħed lill-PL u l-PN, u 20 minuta lill-partiti l-oħra li se jikkontestaw f'isimhom. Il-kandidati indipendenti jingħataw intervista ta' ħames minuti kull wieħed.

**Proċedura Ġenerali**

Ix-xandiriet tad-dibattiti u konferenzi tal-aħbarijiet isiru fuq TVM u simultanjament fuq Radju Malta u jixxandru wara l-aħbarijiet tat-20:00, jiġifieri għall-ħabta tat-20;40. L-ispots u l-produzzjonijiet jistgħu jiġu skedati kemm fuq TVM u anke TVM2 skont l-għażla tal-partit li jkun qed jibbukja. L-iskema tinqasam fuq 26 ġurnata u tibda it-Tnejn 8 ta' Mejju u tintemm nhar il-Ħamis 1 ta' Ġunju 2017.

L-Awtorità tax-Xandir iżżomm il-jedd tal-*copyright* tat-trasmissjonijiet kollha li jsiru f'din l-iskema.

Jekk xi partit ma jagħmilx użu mill-ħin allokat għalih għall-konferenza tal-aħbarijiet jew spot/produzzjoni, allura jintilef id-dritt tal-programm u l-ħin allokat għalih. F'każ li partit jonqos li jattendi dibattitu bejn żewġ partiti, allura l-Awtorità tieħu deċiżjoni li tiġi kkomunikata lill-partijiet mill-aktar fis possibli.

F'każ fejn id-dibattitu jkollu aktar minn żewġ partiti, u rappreżentant ta' partit minnhom jonqos li jattendi għad-dibattitu, allura l-ħin allokat lill-partit li ma jkunx attenda jinqasam pro-rata bejn il-partiti l-oħra.

Kull partit għandu d-dritt li jinnomina tliet rappreżentanti biss biex jattendu għal kull programm bħala osservaturi. L-ismijiet u n-numru tal-karta tal-identità ta' dawn l-individwi għandhom jaslu għand l-Awtorità 24 siegħa qabel ir-*recording* tal-programm. Ħadd aktar ma jitħalla jidħol fil-bini tal-PBS jekk ma jkunx awtorizzat li jagħmel dan. Dawn ir-rapprezentanti ma jistgħux jibqgħu fl-*istudio* jew *control room* meta jkun qed isir ir-*recording* tal-programm.

Fil-każ tad-dibattiti, l-partiti jintrabtu li jibagħtu l-ismijiet tal-kelliema bil-miktub sa 48 siegħa qabel ir-*recording* tal-programm. Kif dawn jiġu kkomunikati, l-Awtorità tibgħat id-dettalji tal-kelliema lill-partiti. Bdil ta' parteċipanti jitħalla biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u jrid isir bil-miktub. Dan jerġa' jiġi kkomunikat lill-partijiet l-oħra iżda l-partijiet l-oħra ma jistgħux jagħmlu tibdil. F'każ li *recording* ikun se jsir nhar ta' Tnejn, allura l-ismijiet KOLLHA jridu jiġu kkomunikati lill-Awtorità sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa.

Ma jkunx permissibbli li l-partiti jagħmlu użu minn produzzjoni waqt l-aħħar dibattitu bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

F'każ ta' konferenzi tal-aħbarijiet is-suġġett u l-kelliem għandhom jiġu kkommunikati lill-Awtorità tax-Xandir sa 48 siegħa qabel il-programm biex dawn jiġu kkommunikati lill-*media houses* li se jattendu għall-konferenza tal-aħbarijiet.

Il-konferenzi tal-aħbarijiet u d-dibattiti jiġu rrekordjati minn qabel. Il-prassi tkun li r-*recording* ta' kull programm isir dakinhar stess li jkun se jixxandar kmieni waranofsinhar għall-ħabta tas-13:30. Il-partiti jiġu mgħarrfa bil-ħin u d-data tar-*recording* bil-miktub mill-Awtorità.

Huwa l-obbligu tal-partiti li jiżguraw li jinfurmaw lir-rappreżentanti li se jieħdu sehem fil-programm bil-ħin tar-*recording*. L-Awtorità se tkun qed tikkomunika dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din l-iskema bil-miktub (permezz ta' emails jew ittri) mas-segwenti: Is-Segretarju Ġenerali u d-Direttur Informazzjoni tal-PN, il-President u d-Direttur tal-Komunikazzjoni tal-PL u s-Segretarji Ġenerali tal-partiti l-oħra.

Kandidati għall-kunsilli lokali jew għall-elezzjoni ġenerali jew membri parlamentari jew MEPs li jkunu servew fil-leġislatura li tkun għadha kemm spiċċat ma jistgħux jippreżentaw ruħhom bħala ġurnalisti tal-konferenzi tal-aħbarijiet.

Fir-rigward tad-dibattiti bejn il-PL u l-PN, l-ordni ta' liema dibattitu se jkun qed jixxandar l-ewwel jiġi magħżul bix-xorti. Fid-dibattitu bejn il-kelliema tal-partiti l-oħra, min jibda l-ewwel jiġi determinat bix-xorti.

Iċ-Chairpersons li jmexxu dawn il-programmi għandhom ikunu moderaturi u jipparteċipaw b'mod limitat. Madankollu, l-parteċipanti kollha f'dawn il-programmi għandhom joqogħdu għall-istruzzjonijiet u direzzjoni mogħtija miċ-Chairperson waqt il-programm.

Ic-chairperson li se jmexxi l-programmi f'din l-iskema se jkun Mario Micallef.

L-ebda persuna ma titħalla toqgħod fl-*istudio* jew fil-*control room* meta jibda r-*recording*. Ir-rappreżentanti tal-partiti kif ukoll ġurnalisti li jagħmlu talba sabiex isegwu l-programm għandhom jagħmlu dan mill-kmamar identifikati apposta mill-Awtorità fil-bini tal-PBS. Il-ġurnalisti u l-*camerapersons* li jiġu jirrapurtaw id-dibattitu/konferenza wkoll iridu jagħtu n-numru tal-karta tal-identità lill-Awtorità filgħodu kmieni dakinhar stess li jkun se jiġi rrekordjat il-programm.

Filmati u ritratti tad-dibattiti/konferenzi tal-aħbarijiet jistgħu jittieħdu biss qabel ma jibda l-programm. Min jiġi tard għal dawn id-dibattiti/konferenzi ma jitħalliex jidħol fl-istudio.

Il-kontenut ta' kull programm huwa meqjus *embargoed* sakemm jixxandar fuq TVM/Radju Malta. Ġurnalisti jingħataw l-opportunità li jsegwu r-*recording* ħalli jkunu jistgħu jagħmlu r-



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

rapporti tagħhom.

**Spots/ Produzzjonijiet**

Kull spot/produzzjoni tal-partiti jrid ikollha l-*logo* tal-partit jidher fin-naħa t'isfel tal-*iscreen*.

F'każ ta' sensiela ta' spots ta' partiti differenti li jixxandru wara xulxin, dawn jinfirdu *b'jingle* tal-Awtorità tax-Xandir.

Kull spot għandu jkun ta' minimu ta' 30 sekonda u ma jkunx itwal minn 5 minuti. Madankollu l-PL u l-PN qed jiġu allokati total ta' 15 il-minuta li jikkonsistu fi spots ta' 10 sekondi filwaqt li l-AD qed tiġi allokata total ta' 5 minuti li jistgħu jintużaw bħala spots ta' 10 sekondi. Jekk il-partiti ma jużawx il-15-il minuta fi spots b'10 sekondi il-ħin ma jintilifx u jistgħu jintużaw *b'duration* differenti.

Minn total ta' 120 minuta ta' spots/produzzjonijiet li l-PL u l-PN għandhom kull wieħed, jistgħu jużaw massimu ta' 25 minuta fl-aħħar ġimgħa tal-kampanja u cioè bejn it-Tnejn 29 ta' Mejju u l-Ħamis 1 ta' Ġunju. Minn dawn jistgħu jagħmlu użu minn total ta' ħames (5) minuti fi spots ta' 10 sekondi (total ta' 30 spot).

Il-partiti li għandhom total ta' 20 minuta ta' spot/produzzjonijiet jistgħu jħallu sa massimu ta' 5 minuti fl-aħħar ġimgħa tal-kampanja u cioe bejn it-Tnejn 29 ta' Mejju u l-Ħamis 1 ta' Ġunju. Minn dawn jistgħu jagħmlu użu minn total ta' żewġ (2) minuti fi spots ta' 10 sekondi (total ta' 12-il spot).

Il-*bookings* tal-ispots/produzzjonijiet għandhom isiru mad-Dipartiment tal-*Monitoring* fuq bażi ta' ġimgħa ġimgħa. Għaldaqstant il-ġimgħat se jiġu kkalkulati mit-Tnejn sal-Ħadd bl-aħħar ġimgħa tkun bejn it-Tnejn u l-Ħamis ta' qabel l-elezzjoni ġenerali.

Il-*bookings* ta' kull ġimgħa għandhom jaslu għand l-Awtorità sa mhux aktar tard minn l-Erbgħa tal-ġimgħa ta' qabel ma jkunu se jintwerew il-produzzjonijiet/spots, ħlief għall-ewwel ġimgħa tal-kampanja f'din l-iskema li jistgħu jaslu sas-Sibt 6 ta' Mejju. Kull produzzjoni/spot għandha tasal għand l-Awtorità 48 siegħa qabel ma tkun se tixxandar. L-Awtorità tirriserva d-dritt li tikkanċella *booking* ta' spot jew produzzjoni f'każ li dan ma jasalx għand l-Awtorità 48 siegħa qabel m'għandu jixxandar. F'każ li spot ikun se jixxandar il-Ħadd, dan għandu jasal għand l-Awtorità sal-Ġimgħa filgħodu.

F'każ li jkun hemm aktar minn *booking* wieħed għall-istess ħin, tinħadem sistema ta' rotazzjoni li tiġi kkomunikata lill-partiti. Din tinħadem ġimgħa ġimgħa.



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

L-ispots jistgħu jixxandru fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata magħżul mill-partiti b'20% minnhom (24 minuta għall-PL u l-PN u 4 minuti għall-partiti l-oħra) iridu jixxandru biss bejn is-13:00 u s-18:00. F'każ li spot jew produzzjoni tiġi inkluża waqt programm u dan il-programm ikollu ripetizzjoni matul ħin ieħor, din l-ispot/produzzjoni ma terġax tixxandar. L-ebda spot ma jitħalla jixxandar waqt il-*break* kummerċjali tal-aħbarijiet tat-20:00. Il-*booking* ta' kull spot għandu jsir b'mod ċar u indikat eżatt f'liema slot u sekwenza il-partit ikun irid jurih (per eżempju: l-ewwel spot fl-ewwel *break* tal-programm Y). Jekk ikun hemm talba li spot jixxandar qabel il-programm, dan ikun ifisser qabel is-sigla tal-programm.

Ma jistgħux jixxandru spots u produzzjonijiet qabel il-Eurovision, u fil-waqfiet kummercjali tal-Eurovision li ser jixxandar it-Tlieta 9, il-Ħamis 11 u s-Sibt 13 ta' Mejju. F'dawn it-tliet ijiem wara l-aħbarijiet tat-20:00 ma jistax ikun hemm aktar minn 2 minuti għall- PL u PN, u minuta għall-partiti l-oħra.

Huma l-uffiċjali tal-Awtorità tax-Xandir li jikkordinaw mal-PBS Ltd għax-xandir tal-ispots u produzzjonijiet. Il-kopja oriġinali tal-ispots tintbagħat lill-Awtorità u tkun din l-istess kopja li l-uffiċjali tal-Awtorità jwasslu għand il-PBS.

F'każ li spot ma jixxandarx minħabba qtugħ fit-trasmissjoni tas-sistema 'free to air' il-partiti milquta jkollhom id-dritt li jxandru tali spots f'ħin ieħor wara li jsir ftehim mal-Awtorita'. Qtugħ fit-trasmissjoni tfisser qtugħ fis-sors tal-istazzjon (i.e. TVM) u mhux qtugħ f'xi lokalità jew lokalitajiet.

Il-partit jintrabtu li jiffirmaw l-*indemnity form* f'Appendiċi I ma' din il-proċedura. Din għandha tasal għand l-Awtorità sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017. Ma jitħallewx jixxandru spots jew produzzjonijiet sakemm il-partit ma jkunx iddepożita l-*indemnity form* mal-Awtorità tax-Xandir.

L-ispots/produzzjonijiet għandhom jingħataw fuq *pen drive* jew *external disc* u kopja tal-ispot tingħata fuq DVD. Il-partiti għandhom jiżguraw li l-format li fuqu jitwassal l-ispot/produzzjoni jkun l-istess format kif inhu indikat fl-Appendiċi II.



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

**Appendix I**

**Form of Indemnity in connection with General Election Broadcasts**

Today the day of May 2017 each of the parties here undersigned taking part in the scheme of General Election Broadcasts organised by the Broadcasting Authority for the period 8th May till 1st June 2017 shall not knowingly include in any political spot or message by a candidate provided by them in any manner whatsoever and in particular whether by way of visual images, sounds, words, music, pictorial representations or actions any defamatory, seditious, libellous, offensive or any matter which constitutes an injurious falsehood or slander of title or any tort or of an infringement of any monopoly, copyright, trademark, patent or other similar criminal offence or contempt of court or breach or Parliamentary privilege or which violates the provisions of any law and shall at all times indemnify and keep the Authority, the PBS Limited and the other parties participating in this scheme indemnified from and against all claims, costs, damages, penalties, expenses and proceedings occasioned to or incurred by the Authority and the parties in consequence of the inclusion (whether knowingly or not) in any party production or political spot provided by them of any such matter.

Provided that this indemnity is being limited to the extent that the Broadcasting Authority, PBS Limited and the other parties participating in this scheme may have as a result of the above been ordered to pay such claims, costs, damages, penalties, and expenses, judicial or otherwise, by a court of law in a final judgement.

Provided also that the Broadcasting Authority, PBS Limited and/or the other parties, as the case may be, shall not later than eight days after a claim is made inform the party concerned of the claim and/or judicial or other proceedings against them as aforesaid, and such party shall be entitled to assist and defend jointly with the Broadcasting Authority, PBS Limited and/or other party, the said claim.

For and on behalf of (insert name of party) ___________________

Name and surname ____________________

Official Position in the Party ____________________

Date ___________________

Signature ___________________



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

## Appendix II

### VISION

#### Acquisition:

Acquisition should be by a camera utilizing at least three ½" (or greater) sensor array with a native resolution of not less than 1920 by 1080 pixels (HD) and at a frame rate of 25 Frames interlaced with 50 fields , PAL 625.

#### Picture:

All material must be shot true, full height 16x9. The picture must contain a minimum of 1000 PAL television lines of active picture and a pixel aspect ratio of 1:1. Everything must be framed 16x9. All action, text and any legal info must be within the safe area.

For avoidance of doubt all programme levels must not exceed the following when correctly lined up to bars and tone:

- Luminance must not exceed 1v (100%) or go below blanking level (.3v)
- Chroma must be legal in all domains i.e. RGB, YUV etc and must not exceed the gamut limit.
- Relative timings of luminance and chrominance must not exceed +/- 20ns.
- Audio levels must conform to the requirements specified in the Audio Requirements section.

Please note that there are numerous quality and/or technical faults for which a programme can be rejected. If a title is rejected then full details will be given and you MUST supply a list detailing all repairs / action taken with timecodes and descriptions of all faults fixed.

#### Audio:

- It is essential that audio recording equipment is of the highest standard. The recording quality is vital, as distortion etc at the time of recording cannot be fixed and could cause the programme to be rejected.
- The audio record level must be related accurately to the line-up levels. Tracks 1 & 2 programme peak sound levels must not exceed line-up levels by more than +8 dBu (PPM


7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

6). Audio tracks must be accurately matched, correctly balanced and in-phase throughout. Sound should be R128 compliant as stipulated by law.

- The audio mix should reflect the style and genre of the programme, and should use the dynamic range as much as possible, reflecting some subtlety and variation in level where appropriate. Subjective loudness should always be consistent and at a level that is comfortable to experience for the entirety of the programme.
- It is important that dialogue is clear and audible throughout the programme.

Audio will be supplied transported and wrapped within the MXF Op1a file specification. The audio track layout is shown in the figure below. The audio should be sampled at 48 KHz with 24 bits per sample. Digital reference level should be set to -18dbfs. Maximum peak should be at -12 dbfs. Sound should be R128 compliant.

| AES | Track | Mix | Leg |
|---|---|---|---|
| 1 | 1 | Full LT/RT | L |
| | 2 | | R |
| | | | |
| | | | |

File Format

The preferred format, unless otherwise advised by PBS:

| Format | Mpeg-2 bit rate | Frame dimension | Color sample ratio | Mpeg-2 standard |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **XDCAM HD - HD422** | **50 Mbps** | **1920x1080i** | **4:2:2** | **MPEG 422P@HL** |
| | | | | |

**Container MXF op1a**

Timecode will also be delivered within the MXF file, according to MXF Op1a specification.

The timecode should be continuous and start at 01.00.00.00.



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

Audio must not start before part "in" point.

Audio must fade to silence half a second before end of programme.



7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel:(+356)21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt